32004R0016

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 16/2004
tas-6 ta' Jannar 2004
li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika tal-Komunità fuq l-introjtu u l-kondizzjonijiet ta' ħajja (EU-SILC) fejn għandha x'taqsam il-lista tal-fatturi varjabbli sekondarji fil-mira marbuta mat-"trasmissjoni interġenerazzjonali tal-faqar"

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2003 dwar l-istatistika tal-Komunità fuq l-introjtu u l-kondizzjonijiet ta' ħajja (EU-SILC) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 15(2)(f) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 jistabbilixxi kwadru komuni għall-produzzjoni sistematika ta' statistika tal-Komunità fuq l-introjtu u l-kondizzjonijiet tal-ħajja, li tinkludi informazzjoni rappreżentattiva u tat-tul komparabbli u f'waqtha fuq l-introjtu u fuq il-livell u l-komposizzjoni tal-faqar u l-esklużjoni soċjali fil-livell nazzjonali u dak ta' l-Unjoni Ewropea.

(2) Skond l-Artikolu 15(2)(f) tar-Regolament (KE) Nru 1177/2003, huma meħtieġa miżuri ta' implimentazzjoni dwar il-lista tas-setturi u tal-fatturi varjabbli sekondarji fil-mira li għandhom ikunu inklużi kull sena fil-komponent rappreżentattiv ta' l-EU-SILC. ta' influwenza fuq l-eskużjoni soċjali ta' l-adulti li jeffettwaw ir-riskju tal-faqar matul l-età adulta) inklużi l-ispeċifikazzjonijiet tal-kodiċijiet tal-fatturi varjabbli u definizzjonijiet.

(3) Il-miżuri li jipprovdi għalihom dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Programm ta' l-Istatisika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-lista tal-fatturi varjabbli sekondarji fil-mira, il-kodiċijiet tal-fatturi varjabbli, u d-definizzjonijiet għall-Modulu 2005 dwar it-"Trasmissjoni inter-ġenerazzjonali tal-faqar" li jridu jkunu inklużi fil-komponent rappreżentattiv ta' l-istatistika tal-Komunità fuq l-introjtu u l-kondizzjonijiet tal-ħajja (EU-SILC) għandhom ikunu kif imniżżla fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, is-6 ta' Jannar 2004.

Għall-Kummissjoni

Pedro SOLBES MIRA

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 165, 03.07.03, p. 1.

L-ANNESS

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw l-unità, il-mod ta' ġbir ta' l-infor-mazzjoni, il-perijodu ta' referenza u d-definizzjonijiet li ġejjin.

1. **Unità**

Għandha timgżata onformazzjoni għall-membri kurrenti kollha tad-dar jew jekk jgħodd għall-interpellati kollha ta' l-eta 'il fuq min 24 sena u taħt is-66 sena

2. **Mod ta' ġbir ta' informazzjoni**

Minħabba l-karatteristiċi ta' l-informazzjoni li trid tinġabar, huma permessi intervisti personali biss (in-tervisti bil-prokura jkunu eċċezzjoni għall-persuni li jkunu nieqsa għal xi żmien jew ikunu inkapaċitati)

3. **Perijodu ta'referenza**

Il-perijodu ta' referenza għandu jkun ta' meta dak li jkun intervistat kien adoloxxenti, ta' età bejn it-12 u s-16-il sena. Jekk dak li se jwieġeb jeżita jew isaqsi dwar età speċifika, għandha tintuża l-età ta' 14-il sena.

4. **Definizzjonijiet**

(a) Missier: il-persuna maskili li min qed ikun intervistat kien/kienet jikkonsidra li hu missieru meta kien adoloxxenti

(b) Omm: il-persuna feminila li min qed ikun intervistat kien/kienet jikkonsidra li hi ommuu meta kien adoloxxenti

(ċ) Aħwa: aħwa subien u bniet li kienu jgħixu fl-istess dar bħal min ikun intervistat, meta dan ta' l-aħħar kien adoloxxenti.

(d) Prinċipali: (fil-frażijiet; komposizzjoni prinċipali tal-familja, numru prinċipali ta' aħwa, status ta' l-attività prinċipali u xogħol prinċipali) tirreferi għas-sitwazzjoni li damet għall-itwal żmien meta min ikun intervistat kien adoloxxenti. Jekk dan ma jkunx ċert liema sitwazzjoni damet għall-itwal żmien, tkun is-sitwazzjoni li ħalliet l-ikbar impressjoni.

SETTURI U LISTA TA' FATTURI VARJABBLI FIL-MIRA

Isem il-fattur varjabbli	Modulu 2005	Trasmissjoni interġenerazzjonali tal-faqar
	Kodiċi	Fattur varjabbli fil-mira
Informazzjoni bażika		
RB030		***Karta ta' Identità Personali***
	Nru tal-Karta ta' Identità	Numru ta' identifikazzjoni personali (NIP)
PM005		***Piż rappreżentattiv interġenerazzjonali personali***
	0 + (Format 2.5)	Piż
Informazzjoni dwar il-familja		
PM010		***Il-komposizzjoni prinċipali tal-familja***
	1	Għexet maż-żewġ ġenituri
	2	Għexet ma' l-omm waħedha (familja b'ġenitur wieħed)
	3	Għexet mal-missier waħdu (familja b'ġenitur wieħed)
	4	Għexet ma' l-omm u ma' seħibha/żewġha l-ġdid
	5	Għexet mal-missier u ma seħbitu/martu l-ġdida
	6	Għexet ġewwa familja privata oħra, familja ta' adozzjoni
	7	Għexet ġewwa familja kollettiva jew instituzzjoni
PM010_F	– 1	Nieqes
	1	Jimtela l-Fattur Varjabbli

Isem il-fattur varjabbli	Modulu 2005	Trasmissjoni interġenerazzjonali tal-faqar
	Kodiċi	Fattur varjabbli fil-mira
PM020		***Is-sena li fiha twieled il-missier***
	Sena	L-erba' numri tas-sena
PM020_F	– 2	N.a. (bla missier)
	– 1	Jimtela l-Fattur
	1	Varjabbli
PM030		***Is-sena li fiha twieldet l-omm***
	Sena	L-erba' numri tas-sena
PM030_F	– 2	N.a. (bla omm)
	– 1	Jimtela l-Fattur
	1	Varjabbli nieqes
PM035		***Numru prinċipali ta' l-aħwa***
	Numru	Żewġ numri tan-numru
PM035_F	– 1	Nieqes
	1	Jimtela l-Fattur Varjabbli nieqes
		Informazzjoni dwar l-edukazzjoni
PM040		***L-ogħla livell ta' edukazzjoni ISCED*** (1) ***milħuq mill-missier***
	0	Inqas minn edukazzjoni primarja
	1	Edukazzjoni primarja
	2	Edukazzjoni sekondarja fi grad baxx
	3	Edukazzjoni sekondarja ogħla
	4	Edukazzjoni post-sekondarja mhux terzjarja
	5	L-ewwel grad ta' edukazzjoni tertjarja
	6	It-tieni grad ta' edukazzjoni terzjarja
PM040_F	– 2	N.a. (bla missier)
	– 1	Jimtela l-Fattur
	1	Varjabbli nieqes
PM050		***L-ogħla livell ta' edukazzjoni ISCED*** (1) ***milħuq mill-omm***
	0	Inqas minn edukazzjoni primarja
	1	Edukazzjoni primarja
	2	Edukazzjoni sekondarja fi grad baxx
	3	Edukazzjoni sekondarja ogħla
	4	Edukazzjoni post-sekondarja mhux terzjarja
	5	L-ewwel grad ta' edukazzjoni tertjarja
	6	It-tieni grad ta' edukazzjoni terzjarja
PM050_F	2	N.a. (bla omm)
	– 1	Jimtela l-Fattur
	– 1	Varjabbli nieqes

(1) KSIE 1997 (ISCED): International Standard Classification of Education 1997.

Isem il-fattur varjabbli	Modulu 2005	Trasmissjoni interġenerazzjonali tal-faqar
	Kodiċi	Fattur varjabbli fil-mira
Informazzjoni dwar xogħol		
PM060		***L-istatus ta' l-attività prinċipali tal-missier***
	1	Impjegat
	2	Jaħdem għal rasu
	3	Jaħdem mal-familja bla ħlas
	4	Bla xogħol
	5	Irtirat, irtitat kmieni,
	6	Jagħmel xogħol tad-dar il-ħin kollu
	7	Ieħor
PM060_F	2	N.a. (bla missier)
	– 1	Jimtela l-Fattur
	– 1	Varjabbli nieqes
PM070		***Ix-xogħol prinċipali tal-missier*** (1)
	Kodiċi ISCO	ISCO-88(COM) (2) żewġ numri
PM070_F	2	N.a. (il-missier qatt ma kellu impieg, bla missier)
	– 1	Jimtela l-Fattur
	– 1	Varjabbli nieqes
PM080		***L-status ta' l-attività prinċipali ta' l-omm***
	1	Impjegata
	2	Taħdem għal rasha
	3	Taħdem mal-familja bla ħlas
	4	Bla xogħol
	5	Irtirata, irtitata kmieni,
	6	Tagħmel xogħol tad-dar il-ħin kollu
	7	Ieħor
PM080_F	2	N.a. (bla omm)
	– 1	Jimtela l-Fattur
	– 1	Varjabbli nieqes
PM090		***Ix-xogħol prinċipali ta' l-omm*** (1)
	Kodiċi ISCO	ISCO-88(COM) (2) żewġ numri
PM090_F	2	N.a. (l-omm qatt ma kellha xogħol, bla omm)
	– 1	Jimtela l-fattur
	– 1	varjabbli nieqes

(1) Jekk PM060 jew PM080 = 4, 5, 6 or 7, din tirreferi għall-aħħar xogħol.
(2) ISCO-88(COM): (għal skopijiet Ewropej), verżjoni 1988.